VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,987, 13 ta' Novembru, 2012
Taqsima B

A.L. 399 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Settembru 2011 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għall-Grad offrut mill-Istitut għandhom ikollhom wieħed minn dawn il-gradi li ġejjin, miksuba fl-aħħar għaxar snin qabel ir-reġistrazzjoni:

(a) grad ta' Bachelor miksub għall-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri ta' Fuq, f'qasam ta' studju relatat mal-qasam tar-riċerka propost;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) grad ta' Master f'qasam ta' studju relatat mal-qasam tar-riċerka propost;

(ċ) kwalifiki li l-Bord iqis komparabbli mal-gradi ndikati fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan l-ordinament.

(2) L-applikanti li għandhom wieħed mill-gradi ndikati fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament miksub aktar minn għaxar snin qabel ir-reġistrazzjoni tagħhom jistgħu japplikaw u jkunu meħtieġa jipproduċu prova suffiċjenti tal-kompetenza tagħhom li kapaċi jwettqu r-riċerka fil-livell meħtieġ.

4. (1) L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' proposta ta' riċerka komprensiva li tiddeskrivi l-proġett propost, inkluż is-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba wkoll li juru l-kompetenza tagħhom fil-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

Il-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat li jkun magħmul kif ġej:

a. id-Direttur tal-Istitut jew delegat (*chairman*);

b. tliet membri akkademiċi li għandhom kwalifiki akkademiċi fil-livell tad-dottorat.

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

6. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat, kull sena għall-istudenti kollha li jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħhom.

7. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu bl-istudji tagħhom biss jekk ir-rapporti tas-Superviżur Prinċipali tagħhom juru li qed jagħmlu progress sodisfaċenti. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Senat dwar il-kontinwazzjoni tal-programm tad-dottorat tal-istudent.

8. (1) Wara għall-anqas 12–il xahar ta' studju *full-time*, l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu rapport li jiddiskrivi x-xogħol tar-riċerka mwettaq għall-konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc* maħtur mill-Bord. Il-bord *ad hoc* ikun magħmul minn *chairman*, li jkun id-Direttur tal-Istitut jew id-delegat tiegħu, u żewġ eżaminaturi, li wieħed minnhom ikun is-Superviżur Prinċipali u l-membru l-ieħor ikun membru tal-Istitut.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Il-bord *ad hoc* għandu jeżamina lill-istudent b'mod orali u għandu l-ewwel jissottometti rapport bil-miktub għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat. Ir-rapport għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

9. L-istudenti rreġistrati fl-Istitut jistgħu jkunu meħtieġa jipparteċipaw fir-riċerka u t-tagħlim tal-programmi tal-Istitut.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

10. L-istudenti għandhom javżaw lill-Istitut li se jissottomettu t-teżi tagħhom għall-eżami mhux anqas minn tlett xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni.

11. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bord tal-Eżaminaturi skont ir-Regolamenti Prinċipali.

12. Il-Bord għandu japprova u jippubblika l-linji gwida rigward il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

13. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu kopja tat-teżi tagħhom mingħajr legatura għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, flimkien ma' kopja f'format diġitali.

(2) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu lill-Istitut, sa sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat, tliet kopji tat-teżi b'legatura ħoxna flimkien ma' kopja f'format diġitali. Kopja waħda tat-teżi għandha tinżamm fil-Librerija tal-Istitut u kopja oħra fil-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad.

It-Tħassir

14. L-Ordinamenti tal-1999 għall-gradi ta' Master of Philosophy – M.Phil – u Doctor of Philosophy – Ph.D. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Teknoloġija tal-Enerġija, ippublikati bħala Avviż Legali Nru. 7 u 9 tal-1999, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Settembru 2011, iżda l-istudenti rregistrati għal dan il-grad qabel l-1 ta' Settembru 2011 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien tar-reġistrazzjoni għall-grad.